# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Appell Numru 6/2022 SG**

**Michael Cauchi**

**Vs**

**Awtorità Dwar it-Trasport f'Malta; u b'digriet tat-22 ta' Settembru 2022 l-isem ġie korrett għal 'Awtorità Għat-Trasport f'Malta'**

**Illum, 14 ta' Mejju 2025**

**Il-Bord;**

**Ra** r-rikors tal-appell, preżentat fl-4 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu ppremetta illi:

(1) *Fit-18 ta' Novembru 2016, l-appellant inħarġitlu Liċenzja ta' Operatur għat-Trasport bit-Triq tal-Passiġieri għall-Operazzjoni Nazzjonali li kienet tkopri tlett vetturi bil-pjanċi HVY025, IMY307 u LPY307 liema liċenzja kellha tiġġedded fis-17 ta' Novembru 2021 (Nru. Tal-Liċenzja PAN-000010-16);*

(2) *Illi 5 ta' Novembru 2021 l-appellanti ħallas u applika mal-Awtorita intimata sabiex tiġġeddidlu din il-Liċenzja ta' Operatur għat-Trasport bit-Triq tal-Passiġieri għall-Operazzjoni Nazzjonali;*

(3) *Illi sussegwentament fil-11 ta' Jannar 2022 l-Awtorita' ħarġet ċertifikat tal-liċenzja ġdida b'effett mit-18 ta' Novembru 2021 iżda din il-liċenzja ġdida kopriet biss il-vetturi bil-pjanċi HVY025 u LPY307 u għal xi raġuni li taf l-Awtorita intimata biss tħalliet barra l-pjanċa IMY307;*

(4) *Illi minkejja li l-appellanti interpella lill-intimata sabiex temenda jew tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha l-istess intimata baqgħet inadempjenti;*

(5) *Illi l-appellanti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk interpona dan l-appell minn tali deċiżjoni quddiem dan it-Tribunal;*

(6) *Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

*6.1 Bil-ħruġ tal-liċenzja tat-18 ta' Novembru 2016 l-appellanti akkwista drittijiet kweżiti fuq it-tlett pjanċi li ġew koperti liema drittijiet jappartjenu għal kollox lill-esponenti u ma setax jiġi mxekkel jew jitneħħa mingħajr il-kunsens tal-appellanti.*

*6.2 Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' li ma ġġedidx il-liċenzja tat-18 ta' Novembru 2016 bl-istess termini u kundizzjonijiet hija waħda arbitrarja, diskriminatorja, tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Awtorita', tmur kontra l-liġi u kontra kull ċertezza legali u tivvjola l-Prinċipji tal-Ġustizzja Naturali.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellanti filwaqt li jirriżerva li jippreżenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost, talab bir-rispett lil dan it-Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-ħruġ tal-Liċenzja ta' Operatur għat-Trasport bit-Triq tal-Passiġieri għall-Operazzjonijiet Nazzjonali tat-18 ta' Novembru 2021 huwa wieħed arbitrarju, diskriminatorju, jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Awtorita', u jmur kontra l-liġi u kontra kull ċertezza legali u jivvjola il-Prinċipji tal-Ġustizzja Naturali; u*

2. *Konsegwentament jipprovdi rimedju inkluż dak li jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata hekk kif manifesta fiċ-ċertifikat maħruġ fil-11 ta' Jannar 2022 fuq imsemmi u minflok jordna lill-Awtorita intimata sabiex il-Liċenzja ta' Opratur għat-Trasport bit-Triq tal-Passiġieri għall-Operazzjoni Nazzjonali jkopri ukoll il-pjanċa IMY307.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' appellata.*

**Ra** ir-risposta tal-appellata l-Awtorità għat-Trasport f'Malta:

1. *Illi preliminarjament, ir-rikors tal-appell huwa null u bla effett għaliex huwa ppreżentat fuori termine;*

2. *Illi, preliminarjament ukoll, ir-rikors tal-appell huwa null u bla effett stante illi ġie ntavolat fil-konfront tal-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta*

*mentri kellu jsir fil-konfront tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta illi hija stabbilita u inkorporata skont il-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu, id-deċiżjoni tal-Awtorita rispondenti hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi għar-raġunijiet kollha li se jiġu pprovati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża u konsegwentement id-deċiżjoni tal-Awtorita' għandha tiġi konfermata u r-rikors tal-appell preżentat mir-rikorrent appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

**Ra** d-digriet tagħha tat-22 ta' Settembru 2022;

**Ra** li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata mentri t-tieni eċċezzjoni ġiet sorvolata in vista tad-digriet mogħti fit-22 ta' Settemrbu 2022;

**Sema'** l-provi prodotti;

**Sema'** trattazzjoni orali;

**Ra** li din il-kawza ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal fela d-dokumenti eżebiti u x-xhieda mogħtija.

Irriżulta skont Dok LF 1 eżebit a fol 28, li fit-18 ta' Novembru 2021 Michael Cauchi nħariġlu liċenzja għall-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni HVY 025 u LPY 307, liema ċertifikat huwa datat 7 ta' Frar 2023. A fol 61 jirriżulta li fit-18 ta' Novembru 2016 Michael Cauchi kienet inħariġtlu liċenzja għall-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni HVY 025, IMY 307 u LPY 307, liema ċertifikat huwa datat 24 ta' Settembru 2018. Stranament fl-istess file eżebit mir-rappreżentant tal-Awtorità intimata, hemm kopja oħra ta' dan iċ-ċertifikat rilaxxat fit-18 ta' Novembru 2016 u data 24 ta' Settembru 2018, iżda fuqu il-vetturi IMY 307 u LPY 307 huma ingassati (vide fol 57). A fol 62 hemm eżebit ukoll liċenzja ta' operatur għall-vetturi bin-numri HVY 025 u IMY 307 liema ċertifikat inħareġ fit-18 ta' Novembru 2016 u jġib id-data tal-10 ta' Settembru 2018.

Fl-applikazzjoni a fol 40 et seq tal-proċess, fiil-5 ta' Novembru 2021, jirriżulta li saret applikazzjoni għal tiġdid tal-liċenzja ta' operatur minn Michael Cauchi li fit-tlettax-il paġna ta' din l-applikazzjoni (fol 52) ġie indikat li n-numru ta' vetturi li se jiġu reġistrati taħt din il-liċenzja ta' operatur kienu tnejn (2). Iktar 'l isfel fl-istess paġna ġie indikat li d-dettalji tal-vetturi huma vettura numru wieħed bin-numru ta' reġistrazzjoni HVY 025 u vettura numru tnejn bin-numru ta' reġistrazzjoni IMY 307 u maġenb dak in-numru ġie wkoll imniżżel in-numru LPY 307.

Fis-6 ta' Settembru 2018, saret applikazzjoni oħra għal reġistrazzjoni ta' vettura oħra taħt il-Liċenzja ta' Operatur, bir-reġistrazzjoni numru LPY307, liema applikazzjoni ġiet iffirmata mill-appellant fis-6 ta' Settembru 2018 (fol 64-66). A fol 67 imbagħad hemm applikazzjoni biex tittrasferixxi jew tneħħi vetturi li jkunu reġistrati taħt il-liċenzja ta' Operatur, iżda l-unika dettalji li hemm fiha huma n-numru tal-CPOL għall-użu biss tal-Uffiċċju, in-numru ta' reġistrazzjoni IMY 307 u l-firma ta' Michael Cauchi. Mill-bqija ma hemm xejn iktar dettalji u kollox tħalla vojt. A fol 71 et seq, imbagħad hemm applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' vetturi addizzjonali taħt il-liċenzja ta' operatur għall-ġarr ta' passiġġieri magħmula minn Michael Cauchi fejn hemm imniżżel in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura bħala IMY 307. Sussegwentement, a fol 75 hemm formula oħra dwar l-assenjament ta' vetturi lil liċenzja ta' operatur għall-ġarr ta' passiġġieri li fiha hemm indikat n-numru ta' reġistrazzjoni IMY 307 u l-firma ta' Daniel Grech li bħala s-sid reġistrat ta' IMY 307 awtorizza li din il-vettura tiġi assenjat favur l-operatur Michael Cauchi. Dan seħħ fis-6 ta' Settembru 2018.

A fol 84 et seq, imtliet applikazzjoni għal registrazzjoni ta' vetturi addizzjonali taħt il-liċenzja ta' operatur għall-ġarr ta' passiġġieri minn Michael Cauchi u fiha ġiet indikata il-vettura HVY 025. Din saret fil-15 ta' Marzu 2017.

Irrizulta mid-dokumenti a fol 126, li IMY307 kienet trasferita fuq Michael Cauchi fis-6 ta' Settembru 2018 u spiċċat fl-istess ġurnata tas-6 ta' Settembru 2018. IMY 307 għaddiet għand Daniel Grech fis-6 ta' Settembru 2018.

Minn eżami tal-file LF4 jirriżulta li Michael Cauchi xtara Van Ford Transit b'numru ta' reġistrazzjoni IMY 307 bit-tielet pjanċa. A fol 143 et seq, hemm applikazzjoni li ġiet iffirmata minn Michael Cauchi u Daniel Grech, u b'xhud tal-firem Raymond Scerri li fih hemm indikat IMY 307 u n-notament "IMY 307 plates transferred to Michael (garaged) change to private and transfer back to Daniel Grech (garaged)." Permezz ta' din l-applikazzjoni, jidher li Michael Cauchi biegħ IMY307 lil Daniel Grech. A fol 150 kien hemm applikazzjoni ffirmata minn Michael Cauchi datata 6 ta' Settembru 2018 sabiex IMY 307 (*red minibus*) tiġi konvertita għal *private*.

Michael Cauchi ressaq xhieda li spjegaw li dak li ġara kien li Daniel Cauchi biegħ il-pjanċa IMY 307 lil Michael Cauchi. Saret insistenza minn Cauchi li huwa qatt ma kellu xi intenzjoni li IMY307 terġa' tiġi trasferita lil Daniel Cauchi. Infatti, tressaq Daniel Cauchi bħala xhud f'dan ir-rigward, u ġie wkoll eżebit affidavit ta' Raymond Scerri li kien ix-xhud tal-firem fuq l-applikazzjoni. Dan tal-aħħar ikkonferma li dakinhar in-negozju kien li Daniel Grech jittrasferixxi l-plates fuq

Michael Cauchi, u ċert li ma kien hemm ebda diskors jew pjanijiet li Michael Cauchi jgħaddi xi plates lura lil Daniel Grech. In kontroezami, Michael Cauchi insista li l-formuli ġew mimlija mill-Uffiċjal tal-Awtorità intimata, u huwa ma qagħadx jara u jaqra x'kien qed jiffirma. Insista li dak li ġara kien li, peress li l-van ma kienx miżbugħ aħmar, tawh in-numru ta' reġistrazzjoni LPY, filwaqt li kien ġie spjegat lilu mill-istess uffiċjal li jekk ikun irid jiżbgħu aħmar jista' juża n-numru ta' reġistrazzjoni IMY, u jmur jirranġa l-karti għand Transport Malta.

Meta fela d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità intimata kienet waħda ġusta u korretta fid-dawl tad-dokumentazzjoni li kellha quddiemha l-istess Awtorità intimata. Din id-dokumentazzjoni ġiet debitament iffirmata minn Michael Cauchi. Mhuwiex fl-ambitu tal-awtorità ta' dan it-Tribunal li joqgħod jeżamina jekk tali applikazzjonijiet ġew mimlija b'mod korrett, ġewx spjegati lil Michael Cauchi, u kinux in linea ma' dak li kellu f'moħħu li jagħmel Michael Cauchi. Dak li hu relevanti għal dan il-każ huwa li jirriżulta li minn eżami tal-files eżebiti, il-liċenzja ta' operatur għat-trasport bit-triq tal-passiġġieri ghall-operazzjonijiet nazzjonali riċevuta minn Michael Cauchi fil-11 ta' Jannar 2022 (Dok MC1 a fol 4) kienet tirrifletti proprju dak li l-istess Michael Cauchi kien forna bħala informazzjoni f'dawk l-applikazzjonijiet li ssottometta preċedentement.

Jiġi ribadit li kwalsiasi prova li tressqet minn Michael Cauchi, sabiex b'xi mod jipprova li l-applikazzjonijiet li saru minnu ma kinux jirriflettu l-intenzjoni tiegħu, u ta' Daniel Grech huma inutli f'din il-fora. Dan it-Tribunal ma għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar jekk applikazzjoni li ġiet mimlija minn persuna hijiex valida ommeno jew jekk saritx bi żball jew b' xi difett jew addirittura b'xi ingann. Lanqas jekk il-fatt li l-applikazzjonijiet kienu nieqsa minn diversi dettalji jirrendix tali applikazzjonijiet nulli. Huwa għalkollox irrelevanti li jiġi argumentat quddiem dan it-Tribunal li ma jagħmilx sens li l-pjanċi IMY 307 nqalbu fuq Michael Cauchi u dakinhar stess reġgħu nqalbu fuq Daniel Grech. Mid-dokumentazzjoni eżebita, jidher li hekk effettivament seħħ, u l-awtorità intimata segwiet dak li kienu jikkontjenu l-applikazzjonijiet.

## DECIDE

Għar-raġunijiet suesposti, dan it-Tribunal qed jilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità intimata filwaqt li qed jiċħad it-talbiet ta' Michael Cauchi. L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati minn Michael Cauchi.

Din is-sentenza qed tingħata mingħajr l-ebda preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni li jista' jieħu Michael Cauchi inkluż dawk sabiex jikkontesta l-validità ommeno tal-applikazzjonijiet li ġew eżebiti f'dawn il-proceduri, u li jifformaw parti mill-files konċernanti PAN-000010-16 (DOK. LF 2) u konċernanti IMY 307 u ICB 406 (Dok. LF4).

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**